Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

15 ta' Ottubru 2014

**Is-Sitta u Għoxrin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru 2014 fis-7.30pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma fil-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Mozzjoni dwar ix-xiri u t-tqegħid fil-post ta' bandla għall-persuni b'diżabilita' fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ
6. Sejħa għall-Offerti 7/2014 – Introduzzjoni ta' sistema ta' dwal fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata
7. Sejħa għall-Offerti 8/2014 – Titjib fl-aċċessibilita` fl-Uffiċċju Amministrattiv
8. Tħejjijiet għall-attivita` biex tfakkar Erba' Anniversarji Storiċi li jaħbtu fl-2014
9. Tħejjijiet għall-attivitajiet abbinati mal-Milied u l-Ewwel tas-Sena
10. Proroga tal-ftehim mal-Fondazzjoni ARKEO dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ.

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

D:\Council Agendas\7th Council\Agd7_26.doc

## MOZZJONI

5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 5/2014), skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), dwar ix-xiri u t-tqegħid fil-post ta' bandla għall-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ;

Billi saret evalwazzjoni teknika mill-*Contracts Manager* tal-Kunsill, liema evalwazzjoni ġiet ikkunsidrata fis-seduta Nru. 25 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li nbdiet fil-15 u tkompliet fit-30 ta' Settembru 2014; u

Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2014 ġew ivvutati fondi biżżejjed sabiex ikopru l-provista u l-installazzjoni tat-tagħmir in kwistjoni;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent J.G.C. Ltd sabiex jiġi fornut it-tagħmir skont l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (P/4/14)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg - Sindku | Patrick Cutajar - Kunsillier |
| **Proponent** | **Sekondant** |